MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# DSS

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 2/2001/1

**Maria Gloria Grech**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali fit-22 ta' Marzu, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, kien qiegħed jikkontesta deċiżjoni (Numru 69/01) mogħtija fl-20 ta' Frar, 2001 mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att XI tal-1987, li permezz tagħha laqa' l-appell ta' Maria Gloria Grech mid-deċiżjoni tad-Direttur meħuda b'ittra tat-13 ta' Settembru, 2000, li fiha dan tal-aħħar radd lura lill-imsemmija Maria Gloria Grech ħlas arretrat ta' kontribuzzjoni ta' Sigurta' Soċjali li hija kienet

bagħtet lid-Direttur fi tliet rati fuq medda ta' aktar minn tliet (3) snin, fuq talba tiegħu stess magħmula fid-19 t'Awissu, 1996;

Rat in-Nota mressqa mill-appellant fit-22 ta' Marzu, 2001, mehmuż ma' liema hemm kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru[1];

Rat it-Tweġiba mressqa fil-21 ta' Mejju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellata Maria Gloria Grech tenniet li l-appell tad-Direttur għandu jiġi miċħud;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk:-

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur datata 13 ta' Settembru 2000 li taqra hekk:-

'Nirreferi ghall-ittra tieghek tas-26 ta' Lulju 2000 li fiha bghatt cekk ghas-somma ta' wiehed u disghin Liri Maltin u tnejn ghoxrin centezmu (Lm91.22) bid-data tad-29 ta' Lulju 2000.

Qieghed nibghatlek dan ic-cekk lura peress li skond Artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali ma jistghux isiru hlasijiet ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali li jmorru lura aktar minn hames snin. Qieghed nikwotalek silta mill-imsemmi artikolu:

'kull talba maghmula minn persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha biex thallas dawk il-kontribuzzjonijiet, jew kull talba ghall-rifuzjoni li tirrizulta bhala rizultat ta' tiswija fil-klassi jew fil-kategorija mhallsa tkun nulla u minghajr effett jekk tigi

[1] Paġġ. 7 sa 27 tal-proċess

sottomessa wara li dik il-persuna tilhaq l-eta` tal-pensjoni jew wara li jghaddu hames snin miz-zmien li r-rata xierqa ta' kontribuzzjoni kienet dovuta, liema tigi qabel'.

Il-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti.

Fid-19 ta' Awissu 1996 id-Direttur kiteb lill-appellanti fejn infurmaha illi:-

'skond ir-rekords ta' dan id-Dipartiment jidher illi sa 2.04.1978 l-ammont dovut minnek f'kontribuzzjonijiet hu ta' Lm251.22.

Peress li l-kontribuzzjonijiet imsemmija ma thallsux kif dovut, inti mitlub thallas ukoll kontribuzzjoni addizzjonali li tammonta ghal Lm NIL.

Il-hlas ta' l-ammont kif jidher hawn fuq irid isir kif gej:-

a) Lm251.22 lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali.
b) Lm NIL lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali. (Kontribuzzjoni Addizjonali)
c) Lm lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Dawn il-kontribuzzjonijiet jistghu ma jghoddux ghal xi talba ghall-
Pensjoni ta' Invalidita` li tista' ssir jew li diga` saret u assolutament
ma jistghux jigu mhallsa wara li inti ghalaqt l-eta` tal-pensjoni.

Fl-ahharnett nixtieq navzak ukoll li, minn wara l-1987, persuna li tkun timpjega lilha nnifisha jew meqjusa bhala tali ghall-fini tal-Att tas-Sigurta` Socjali ghandha tipprezenta l-karti tat-Taxxa ta' kull sena sabiex tigi riveduta r-rata tal-kontribuzzjoni dovuta'.

Fl-10 ta' Settembru 1996, l-artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali gie emendat b'dan li arretrati ta' kontribuzzjonijiet ma setghux jithallsu aktar jekk kienu ilhom dovuti ghall-aktar minn hames snin jew jekk l-applikant ikun ghalaq l-eta` tal-irtir. Pero` ma ntbaghtet

ebda ittra da parti tad-Direttur sabiex tinforma lill-appellanti illi l-kontenut tal-ittra tad-19 ta' Awissu 1996 ma kienx aqktar applikabbli.

Huwa minnu li d-Direttr m'ghandux l-obbligu li javza kull beneficjarju personlment b'kull tibdil fil-ligi. Bhal kull ligi ohra emendi fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali jigu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u huma applikabbli fil-konfront ta' kulhadd inkluz dawk li ma jkunux jafu b'tali emenda. Huwa minnu wkoll li l-injoranza tal-ligi ma hiex skuza.

Izda meta d-Direttur ftit gimghat qabel inbidlet il-ligi javza lill-appellanti li setghat thallas l-arretrati tal-kontribuzzjonijiet qabel taghlaq l-eta` tal-irtir huwa kien fid-dover ukoll li javzaha li tali ittra ma kenitx aktar valida mill-10 ta' Settembru 1996 'il quddiem. In-nuqqas tad-Direttur li jsegwi l-ittra tieghu tad-19 ta' Awissu 1996 b'ittra ohra ftit gimghat wara biex tirrifletti l-emenda pogga lill-appellanti f'sitwazzjoni ta' zvantagg.

L-Arbitru hu tal-fehma li l-appellanti m'ghandhiex tigi zvantaggjata semplicement ghaliex segwit il-kontenut tal-ittra lilha mibghuta mid-Direttur.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jilqa' dan l-appell".

Illi l-appellant ħass ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni għaliex iqis li fiha kontradizzjoni billi filwaqt li tibda billi tagħraf il-prinċipju li n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi m'hijiex skuża, għaddiet biex tefgħet fuqu l-obbligu li jkun hu li jgħarraf lil persuna benefiċjarja bi bdil fil-liġi, u dan mingħajr ebda bażi ġuridika;

Illi <u>l-appellant talab</u> għalhekk li, fid-dawl tal-provi li tressqu, din il-Qorti tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru, bl-ispejjeż kontra l-appellata;

Illi, <u>fit-Tweġiba tagħha, l-appellata</u> tisħaq li d-deċiżjoni tad-Direttur li jiddikjara li l-ħlasijiet arretrati tagħha tal-kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali ma kinux jiswew ma kinitx waħda tajba għaliex il-bdil fl-artikolu 116 tal-Kap 318 ma jolqothiex; u tisħaq ukoll li l-appellant kellu d-dmir li

jgħarrafha bil-bdil fil-liġi, iżjed u iżjed ladarba kien diġa' aċċetta mingħandha ħlasijiet ratejali oħrajn qabel ma irrofta l-aħħar ħlas tagħha;

Illi, mill-atti proċesswali jirriżultaw dawn il-fatti ewlenin. B'ittra datata 19 t'Awissu, 1996[2], l-appellata ġiet mgħarrfa mid-Dipartiment li sa April tal-1978 kellha ammont ta' arretrati ta' ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali m'humiex imħallsin. L-ammont kien ta' Lm 251.22. L-Att XI tal-1987 ġie emendat, fost l-oħrajn, bl-Att XXI tal-1996 li ngħata l-kunsens Presidenzjali fl-10 ta' Settembru, 1996. L-appellata ħallset dik is-somma fi tliet partijiet: l-ewwel ħlas seħħ fid-9 ta' Settembru, 1996[3], it-tieni seħħ fi Frar tas-sena ta' wara, u t-tielet ħlas ġie mibgħut b'*cheque* datat 29 ta' Lulju, 2000, li jidher li kien mehmuż ma' ittra datata 26 ta' Lulju. Dan l-aħħar ħlas intbagħat lura lill-appellata mid-Dipartiment b'ittra datata 13 ta' Settembru, 2000[4]. Dik l-ittra kienet issemmi wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 116(5)(ii) tal-Att bħala raġuni għaliex kien qiegħed jintbagħat lura l-ħlas lill-appellata. L-appellata kien għad għandha tmienja u ħamsin (58) sena meta ntbagħtilha l-ħlas lura. L-appellata ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur fis-7 t'Ottubru, 2000[5], b'appell lill-Arbitru. Id-Direttur seħaq li, għar-raġunijiet imsemmija minnu f'Risposta li ressaq fis-17 ta' Novembru, 2000, l-appell għandu jiġi miċħud[6]. Fl-20 ta' Frar, 2001, l-Arbitru ta d-deċiżjoni tiegħu li minnha l-appellant Direttur ressaq l-appell preżenti quddiem din il-Qorti;

Illi l-Qorti tħoss li, qabel tgħaddi biex tqis il-każ, għandha ssemmi li l-artikolu 55(b) tal-Att XXI tal-1996 daħħal fit-test tal-Kap 318 id-dispożizzjonijiet ġodda tal-artikolu 116 li l-appellant invoka kontra l-appellata meta bagħtilha l-aħħar ħlas lura. Issa, minn qari b'reqqa tal-artikolu 2 tal-Att XXI tal-1996 - jiġifieri l-artikolu li jġib fis-seħħ il-bidliet li saru f'dak l-Att għall-Kap 318 - wieħed għandu jsib li **m'hemm l-ebda data** msemmija f'dak l-artikolu li tgħid minn meta għandhom jibdew iseħħu l-bidliet imdaħħlin fl-

[2] "Dok B", f'paġ. 26 tal-proċess
[3] Ara kopji riċevuti f'paġ. 27 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġ. 25 tal-proċess
[5] Paġġ. 23-4 tal-proċess
[6] Paġ. 19 tal-proċess

artikolu 116 bl-artikolu 55(b). F'każ bħal dan, għalhekk, jitqies li l-bidliet bdew iseħħu minn dak inhar li l-Att ingħata l-kunsens Presidenzjali, jiġifieri fl-10 ta' Settembru, 1996;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma marbutin mal-ilmenti mressqin mill-appellant, fid-dawl tal-ġrajjiet fuq imsemmija, li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom mill-partijiet. Tibda biex tgħid li tasal biex taqbel mal-appellant li dak li l-aktar jiswa huwa l-ħarsien tal-liġi u li dak li tgħid jew tipprovdi l-liġi ma jitħassarx b'dak li ma jikkostitwix liġi. Imma huwa sewwasew b'ħarsien ta' dan il-prinċipju li l-Qorti m'hijiex konvinta li l-aggravju tal-appellant mid-deċiżjoni tal-Arbitru huwa mistħoqq. Il-Qorti waslet għal din il-fehma għal dawn ir-raġunijiet:

Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li meta l-appellata ġiet mgħarrfa li kellha arretrati pendenti ta' kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali, u **intalbet li tħallashom**, dan kien qiegħed isir fil-ħarsien ta' dak li kienet tipprovdi l-liġi f'dak il-waqt. L-ittra tad-Dipartiment rappreżentat mill-appellant tad-19 t'Awissu, 1996, ukoll jekk setgħet intbagħtet wara talba mill-appellata Grech, kienet "ordni" għall-ħlas. L-artikolu 116 (li dak iż-żmien kien indikat bħala artikolu 119) kellu - u għad għandu llum - konnotati ta' sanzjoni eżekuttiva li, dak iż-żmien ukoll, kienet tista' twassal għat-teħid ta' proċeduri kriminali kontra min jiksru, minbarra l-ġbir min-naħa tad-Direttur tal-ammont dovut bħala dejn ċivili privileġġjat. B'dan il-Qorti trid tfisser li għalkemm jista' jingħata x'wieħed jifhem li ż-żamma mill-ħlas ta' arretrati wara ħames snin minn meta messhom tħallsu tista' tinfluwixxi fuq l-ammont ta' pensjoni li benefiċjarju jista' jkun intitolat għalih, il-**qofol tal-artikolu 116** huwa wieħed maħsub biex jiggarantixxi li d-Dipartiment jiġbor ħlasijiet li messhom saru lilu u mhux biex tagħtih raġuni biex jirrifjutahom. Fil-fehma meqjusa tagħha, il-Qorti tqis li huwa dan il-qafas xieraq li fih għandu jitfisser l-imsemmi artikolu tal-liġi;

Illi, fit-tieni lok, meta l-appellata ntalbet tħallas is-somma arretrata, ma ngħadilhiex kif u sa meta kellha tħallasha, ħlief li ngħatat twissija li tali ħlas riedet tagħmlu sa data **qabel** ma tagħlaq l-eta' pensjonabbli. Irriżulta li l-

appellata dan ħarsitu, u kienet għadha fil-limiti ta' t-talba magħmula lilha fl-ittra tad-19 t'Awissu, 1996, ukoll meta kienet offriet l-aħħar ħlas f'Lulju tal-2000;

Illi, fit-tielet lok, ma jistax jgħaddi minn moħħ il-Qorti li, meta fi Frar tal-1997, l-appellata wettqet it-tieni ħlas, id-Dipartiment li tiegħu l-appellant hu l-kap ma kienx jaf li l-artikolu 116 ma jippermetilux jilqa' iżjed ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali li kienu eqdem minn ħames snin. Il-Qorti qegħda ssibha diffiċli ssegwi l-loġika tal-argument tal-appellant li dak li kien jiswa fl-1997 ma baqax jgħodd iżjed fl-2000, ladarba l-liġi baqgħet l-istess. L-appellant ma ressaq l-ebda spjegazzjoni għaliex id-Dipartiment aġixxa b'dan il-mod jew għaliex, f'dak il-każ, ma ħassx li għandu jgħarraf lill-appellata li l-aċċettazzjoni tat-tieni ħlas tagħha akkont ma kienx għadu milqut mill-istess ċirkostanzi li fih ġie aċċettat l-ewwel ħlas;

Illi, fir-raba' lok, jekk meta sar u ġie aċċettat l-ewwel ħlas akkont min-naħa tal-appellata f'Settembru tal-1996 (u qabel ma seħħew il-bidliet fl-artikolu 116), dak il-ħlas kien konformi ma' dak li kienet ordnata tagħmel u kif ukoll ma' dak li kienet tipprovdi l-liġi, din il-Qorti ssib li kienet bdiet titwettaq **obbligazzjoni li ddefiniet ir-rabtiet bejn il-partijiet sat-twettiq tagħha**, u bil-konsegwenzi kollha li n-nuqqas ta' twettiq tagħha seta' jġib fuq l-appellata[7]. Ma jidhirx li jista' jingħad li l-bidliet li saru fl-artikolu 116 xi jiem wara li sar l-ewwel ħlas kienu min-natura ta' kondizzjoni riżoluttiva tal-obbligazzjoni, għaliex l-effetti maħsuba mil-liġi għal daqshekk kienu jitfgħu obbligi preċiżi fuq l-appellant[8], li ma jidhirx li ħarishom jew qieshom meta bagħat lura l-aħħar ħlas lill-appellata;

Illi, fil-ħames lok, l-appellant jisħaq li meta huwa kien talab lill-appellata biex twettaq il-ħlas f'Awissu tal-1996, ma kienx taha l-benefiċċju tat-terminu għall-ħlas u għalhekk ma kellha l-ebda jedd tippretendi li huwa jilqa' l-ħlas offert minnha f'Lulju tal-2000, wara iżjed minn tliet snin. Dwar dan, il-Qorti tqis li apparti li l-artikolu 116 innifsu (partikolarment l-ewwel subartikolu tiegħu li baqa' mhux

---

[7] Ara art. 1125 u 1133 tal-Kap 16
[8] Art. 1066 tal-Kap 16

mittiefes fiż-żmien kollu rilevanti għall-kwestjoni preżenti) ma jeskludix li persuna tista' tħallas dak li hu dovut minnha fuq medda ta' żmien, jibqa' mhux spjegabbli l-fatt għaliex, wara kollox, meta l-appellata offriet l-ewwel ħlas akkont lid-Dipartiment dan ġie aċċettat, u reġa' ġie aċċettat ħlas akkont ieħor ftit tax-xhur wara bla problema ta' xejn;

Illi, fis-sitt lok, l-artikolu 116(5)(ii) jitkellem dwar "talba magħmula minn persuna...". Huwa dwar ċirkostanza bħal dik li dak l-artikolu joħloq il-limitu ta' ħlas minn persuna li tkun għalqet l-eta' pensjonabbli u/jew dwar arretrati li jkunu ilhom dovuti aktar minn ħames snin. Issa, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-ħlas li l-appellata offriet f'Lulju tal-2000 ma kien xejn ħlief il-bilanċ li **hija kienet intalbet tħallas** mid-Dipartiment rappreżentat mill-appellant, li, fil-każ ta' talba magħmula **minnu** jista' jagħmel dan sa tletin (30) sena minn meta l-ħlas kien dovut[9]. Fi kliem ieħor, il-Qorti ma tistax issib qbil mas-sottomissjoni tal-appellant li l-artikolu 116(5) kien ta' xkiel biex l-aħħar ħlas akkont tal-appellata seta' jintlaqa' mid-Dipartiment;

Illi fis-sitt lok, l-appellant isejjes l-appell tiegħu fuq dik li sejjaħ kontradizzjoni fir-raġunament tal-Arbitru. Fil-fehma tal-Qorti, l-kontradizzjoni lamentata mill-appellant ma tirriżultax. Fid-deċiżjoni appellata l-Arbitru għaraf li l-appellant m'għandu l-ebda obbligu jgħarraf lill-benefiċjarji bil-bdil li jista' jidħol fis-seħħ fil-liġi. Qal ukoll li l-prinċipju tal-għarfien tal-liġi ma jiskuża lil ħadd milli jgħid li jmissu jafha. Dak li l-Arbitru qal, madankollu, hu li l-appellant kien fid-dmir li jgħarraf lill-appellata li dak li kien ordnalha tagħmel bl-ittra tad-19 t'Awissu, 1996, u li hija kienet bdiet twettaq sa minn żmien qabel, ma kienx għadu jorbotha iżjed, jekk kemm-il darba kien konvint li l-artikolu 116(5) kien jostakolaha milli tagħmel dan. Għall-kuntrarju, tidher kontradittorja dik il-parti tar-Rikors tal-appell, f'paragrafu (e) fejn l-appellant jgħid li b'riżultat tal-bidla fil-liġi ma setax jaċċetta ħlas ta' arretrati, meta l-atti proċesswali juru li din l-aċċettazzjoni seħħet ukoll fil-konfront ta' ħlas imwettaq

[9] Art. 116(5)(i) tal-Kap 318

mill-appellata fi Frar tal-1997, jiġifieri wara l-imsemmija bidla fil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ilment tad-Direttur m'huwiex imsejjes fil-fatt u d-dritt u lanqas ma jidher mistħoqq u qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali mid-deċiżjoni tal-Arbitru tal-20 ta' Frar, 2001, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**9 ta' Jannar, 2003**